# L-Istorja

Fil-qalba ta' San Ġiljan, eżattament fit-telgħa ta' Triq San Ġorġ, wieħed ma jistax ma jinnotax il-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Kunċizzjoni. Din il-kappella ċkejkna li tħares lejn il-bajja pittoreska ta' Spinola hija waħda mill-eqdem knejjes li nsibu fil-villaġġ tagħna.

Illum il-ġurnata San Ġiljan huwa miżgħud b'numru kbir ta' nies u b'postijiet ta' divertiment. Madanakollu fl-imgħoddi, il-ħajja kienet waħda ferm aktar kwieta. Fis-Seklu Sbatax in-nies li kienu jgħixu f' dawn l-inħawi kienu ftit u l-għejxien ewlieni tagħhom kien jiġi mis-sajd u mir-raba'. Matul il-ġranet sħan tas-sajf, il-popolazzjoni kienet tiżdied xi ftit minħabba li kienu jiġu numru ta' nies minn lokalitajiet oħra għall-villeġġatura.

L-unika knisja li kien hawn fl-inħawi kienet dik ta' Lapsi li nbniet mill-Kavallieri fl-1580. Dawn iddedikawha lil San Ġiljan, il-qaddis protettur tal-kaċċaturi. L-għan ewlieni ta' din il-kappella kien biex kmieni filgħodu qabel imorru ghall-kacca jieqfu jitolbu fiha għal ftit mumenti.

Maż-żmien, in-nies l-aktar is-sinjuri bdew jixtru r-raba' ta' dawn l-inħawi sabiex jibnu aktar postijiet ta' villeġġatura. Fost ix-xerrejja kien hemm Fra Pawl Rafel Spino







la li kien il-Gran Prijur ta' Lombardija u membru tal-Ordni ta' San Ġwann. Dan kellu ħafna artijiet madwar Malta, fosthom dawk ta' qrib il-baħar f' San Ġiljan. Kien hu li ddeċieda li jibni l-palazz maestuż ta' Spinola u l-Arkati tas-Sajjieda li sal-lum għad-hom jikkaratterizzaw dawn l-inħawi.

Fra Spinola kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna li wasslitu biex iwaqqaf abbazija u kappella ċkejkna biswit il-palazz. Din il-kappella ddedikaha lill-Madonna tal-Immakulata Kunċizzjoni u tlestiet fl-1688.

Il-kappella ġiet imkabbra fil-bidu tas-Seklu Għoxrin. Il-faċċata oriġinali tagħha kienet twaqqgħet mill-Isqof Anġlu Portelli fl-1914 sabiex minflokha tinbena faċċata oħra kif nafuha llum. Il-faċċata l-antika kienet kemxejn iżgħar, b' żewġt itwieqi fil-ġnub. Kellha wkoll żewġ niċeċ vojta u niċċa ohra akbar bl-istatwa tal-Kunċizzjoni, iżda sfortunatament ħadd ma jaf x' sar minnha.

Ix-xogħol fuq il-faċċata l-ġdida tlesta fl-1 ta' Mejju, 1915. Dan kollu jinsab imfakkar taħt l-arma tal-Isqof Portelli mal-gallerija. Fil-knisja nistgħu wkoll naraw l-arma ta' Spinola li tinsab fin-nofs fuq it-titular.



Wara t-Tieni Gwerra Dinjija din il-kappella kienet fdata f' idejn Dun Kalċidon Catania li kien iqaddes fiha regolarment. Wara mewtu fl-1957, il-quddiesa baqgħet issir b' mod

regolari mis- saċerdoti tal-lokal u mill-patrijiet Agostinjani ta' Paceville u ta' Santa Rita. Fil-bidu tas-snin sebgħin, l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatar lil Dun Fortunato Axiak biex jieħu ħsieb din il-kappella u dan baqa' jagħmel hekk sakemm miet. Ta' min isemmi wkoll lill-mibki Kanonku Dun Karm Calleja li għal diversi snin qaddes regolarment f' din il-kappella. Il-quddiesa għadha ssir kuljum matul il-ġimgħa fil-5.30 ta' filgħaxija.

## Xogħol ta' Restawr

Matul dawn l-aħħar snin sar ħafna xogħol ta' restawr estensiv li biddel id-dehra tal-knisja kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra.

L-ewwel xogħlijiet ta' restawr kienu fuq il-qniepen tal-kampnar oriġinali li jinsabu fuq in-naħa ta' wara tal-knisja. Dawn il-qniepen tal-bronż inħadmu fl-1873 ġewwa Bormla minn Giuliano Cauchi. Madankollu fil-bidu tal-2010 bdiet issir ħsara strutturali. Kawża ta' dan kollu kienet il-qanpiena l-kbira li bdiet iċċedi minn fuq il-kampnar minħabba li l-ħadida li kienet imdendla fuqha ssadded u nqasmet. Il-ġebel fuq in-naħa ta' wara tal-kampnar spiċċa wkoll fi stat ħażin ħafna minħabba r-riħ u r-raxx tal-baħar li jaħkem fuqu. Iż-żewġt iqniepen l-oħra li huma mdendla bl-istess mod kienu wkoll fil-periklu li jiġrilhom l-istess ħsara. Għaldaqstant ix-xogħol ta' tiswija beda f' Jannar tal-2011. Dan kien jikkonsisti fi bdil tal-ħadid li kien tmermer u fi bdil ta' partijiet mill-ġebel li nqasam bil-piż tal-qanpiena. Saret ukoll tiswija fuq il-qafas tal-konkrit biex issaħħaħ aktar l-istruttura. Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tat-Taqsima tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.



Fl-2013 beda x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċati kollha tal-knisja. Ix-xogħol kien jikkonsisti f' tindif u tibdil ta' ġebel skont in-neċessità. Sar ukoll it-tikħil ta' fili b'metodi u materjal addattat. Fl-aħħar ingħatat velatura ta' kulur ċar ħafna biex il-ġebel il-ġdid jiġi jaqbel mal-antik. Dan ix-xogħol kien jinvolvi ħafna dedikazzjoni u attenzjoni, għaldaqstant dam għaddej għal aktar minn sena.

Matul l-2013 sar ir-restawr tal-kwadru ta' San Kalċedonju Martri. Dan ix-xogħol



imprezzabli tal-pittur famuż Francesco Zahra (1710-1773) hu maħsub li sar fl-1753. Ir-restawr ta' dan il-kwadru taż-żejt impitter fuq it-tila kien wieħed delikat ħafna. Dan kollu minħabba l-ħsara kbira li kien fih, magħmula minn toqob ik-kawżati minn insetti u tmermir ta' matul is-snin. Ir-restawr sar minn Erika Falzon u ġie ffinanzjat mill-Westin Dragonara.

Is-sagristija ingħatat dehra ġdida billi tnaddfu l-ħitan u sar ukoll madum ġdid aktar addattat. Sar ukoll ir-restawr fuq il-kwadru taż-żejt li juri x-xbieha ta' Fra Rafel Spinola, il-benefattur li bena din il-kappella. Ta' min jinnota li din hija l-unika immaġini tiegħu fuq it-tila li nafu biha f'Malta. Ix-xogħol fuq dan il-kwadru ġie ffinanzjat mil-Lukanda Hilton.

Sfortunatament maż-żmien, l-artal oriġinali tal-injam kien twarrab u tpoġġa fis-sagristija biex minfloku tqiegħed artal sempliċi tal-irħam. Madankollu bis-saħħa tal-Kapillan preżenti Dun Claude Portelli l-artal oriġinali ġie rrestawrat u reġa' tpoġġa lura f' postu. Jingħad li dan l-artal kien jifforma parti minn bastiment ta' żmien il-Kavallieri ta' Malta. Fil-knisja saru wkoll ċangaturi ġodda, kif ukoll tibdil fil-madum tal-artal biex minfloku jitwaħħal madum tal-irħam li jikkompli-menta l-istil tal-post. Ġew ukoll irrestaw-rati l-gandlieri tal-artal maġġur.

B'reqqa kbira, sar ukoll restawr estensiv tat-titular tal-Immakulata Kunċizzjoni li jinsab fuq l-artal ewlieni tal-knisja. Reġgħu saru mill-ġdid it-tnax-il stilla tal-fidda ta' madwar ras il-Madonna li kienu għebu maż-żmien. Dan it-titular jagħti dehra ta' Marija li qed tiġi mħarsa u meħlusa mid-dnub tan-nisel permezz ta' Alla, filwaqt li taħt saqajha hemm ix-xitan li jidher tellief fl-infern. Din il-pittura meraviljuża hija tal-pittur famuż Żeb-

buġi Ġian Nicola Buhagiar (1670-1745).



Kemm l-artal kif ukoll it-titular tlestew u tpoġġew lura f' posthom għall-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru tal-2014. Ix-xogħol ta' restawr tal-artal u tat-titular saru minn Erika Falzon u Francesca Gatt, kif ukoll bl-għajnuna ta' Alfred Mizzi Foundation.

Riċentament ġie restawrat ukoll it-tabernaklu oriġinali u antik li għal xi żmien kien tneħħa biex minfloku kien tqiegħed ieħor żgħir fil-ġenb tal-artal. Fl-1 ta' Marzu tal-2015, it-tabernaklu oriġinali reġa' tpoġġa fil-kappella, f' post aktar ċentrali, taħt it-titular.

Din is-sena sar ukoll it-tindif tal-bir li jinsab fil-ġenb tal-kappella. Dan għandu l-ħerża qadima u qiegħed f' kundizzjoni tajba.

Bħalissa beda x-xogħol fuq l-aħħar parti ta' dan il-proġett li għaddej b' ritmu mgħaġġel. Saru xogħlijiet fuq is-sistema antika tal-elettriku għal waħda aktar moderna, kif ukoll it-tibjid tal-ħitan tal-ġnub. Tlesta wkoll ix-xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq il-bieb prinċipali u dawk tal-ġnub. It-tibjid tas-saqaf għandu jitlesta aktar tard din is-sena.

Wieħed għandu japprezza x-xogħlijiet u l-ispejjeż involuti biex sar dan il-proġett ta' restawr. Radd ta' ħajr imur għall-kappillan tagħna Dun Claude Portelli li ħadem bla heda biex dan il-proġett ambizzjuż isir realtà. Il-qarrejja huma mistiedna sabiex iżuru din il-kappella, speċjalment fil-jiem tal-festa ħalli jaraw b' għajnejhom ix-xogħlijiet imprezzabli li saru. Il-Ġiljaniżi għandhom ikunu kburin b' din il-ġawhra li nsibu fiċ-ċentru ta' San Ġiljan!

